**Bniedem t'Alla**

Inħsadt bil-bosta bl-aħbar li ħallejtna
Dejjem nafek tħabrek għas-Saltna t'hemm fuq,
Li ġarrejtha f'qalbek f'kull għemil tiegħek
Ħajtek bħal inċens jinħaraq 'l Alla jfuħ.

Kemm ġid għamel bik il-Mulej lil għajrek
Kont pront, għaqli, taqdih bl-akbar fedeltà,
Dik ħarstek hekk sabiħa għax mimlija
Bl-akbar kariżma li hija l-karità.

Nibqa' ngħożż f'qalbi d-drabi li tħaddittna
Fik xegħlet il-virtù msejħa umiltà,
Il-ħlewwa ta' qalbek xerdet madwarna
Il-valur tal-imqaddsa sinċerità.

Użajt bi mħabba t-talent mużikali
Li bih tant faħħart minn qalbek lill-Mulej,
Ibqa' ħija Lawrence minn ġo Saltnatu
Imla' lid-dinja b'ferħ li jibqa' għaddej.

Dak li ħiereġ minn fomm l-eluf ta' anġli
Qaddisin, ilkoll ifaħħru lis-Sultan,
U magħhom int hemm Ommna Marija
Qed iddoqqlu bil-kitarra lis-Setgħan.

L-adurazzjonijiet li kont tanima
Issa qed twettaqhom f'tifħir biss lilu,
Niżik ħajr li b'ħajtek qed tgħallimna
L-għaqal li ntuħ ħajjitna lejh immilu.

Strieħ, ħija, ħabib u xandar tas-sewwa
F'idejk issa l-ogħla ġid qed jitħalla,
Ifraħ mal-qaddisin għax hemm hu postok
Itlob għalina dejjem bniedem t'Alla.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.